



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 13.12.2013  
COM(2013) 882 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Qafas tal-Kwalità tal-UE  
għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar**

## 1. INTRODUZZJONI

Din il-Komunikazzjoni tippreżenta Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-Antiċipazzjoni tal-Bidla u r-Ristrutturar (Quality Framework - QFR). Din tkompli mal-Green Paper "Ristrutturar u antiċipazzjoni tal-bidla: x'tgħallimna mill-esperjenza riċenti" tas-17 ta' Jannar 2012<sup>1</sup> u t-talba li saret mill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Jannar 2013 fir-Risoluzzjoni tiegħu dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema, l-antiċipazzjoni u l-immaniġġar tar-ristrutturar ibbażata fuq l-Artikolu 225 tat-TFUE (magħruf bħala r-Rapport Cercas)<sup>2</sup>.

Għandna quddiemna sfidi kbar fl-isforzi tagħna biex ngħollu l-livelli ta' impjeg u nindirizzaw il-qgħad billi nżidu l-użu ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol u nirrifirmaw is-sistemi edukattivi u tat-taħriġ sabiex nassiguraw li dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol ikollhom il-ħiliet meħtieġa u l-kumpaniji jistgħu jistrieħu fuq forza tax-xogħol kompetittiva. Dan kollu jeħtieġ antiċipazzjoni tajba kif ukoll l-għodod sabiex il-provvista tal-ħaddiema titqabel mad-domanda bl-aktar mod sħiħ possibbli. L-iffaċilitar tal-adattament tan-negozju u t-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol permezz ta' antiċipazzjoni aħjar tal-ħtiġijiet ta' kapital uman għandu jitqies f'dan il-kuntest usa'.

Għalkemm huma meħtieġa u inevitabbli, l-aġġustament u r-ristrutturar ekonomiċi jista' jkollhom impatt soċjali u fuq l-impjegji li għandu jiġi indirizzat b'mezzi politiċi adegwati. B'kollox kienu rreġistrati 250 operazzjoni ta' ristrutturar mill-Monitor Ewropew tar-Ristrutturar (ERM)<sup>3</sup>, għat-tielet trimestru tal-2013. Dawn il-każijiet iġġeneraw 57 081 telfa mħabbra ta' impjegji u 27 792 żieda mħabbra ta' impjegji, li b'hekk ammontaw għal telf nett ta' 29 289 impjeg.

Il-QFR jitlob li ċerti prinċipji u prattiċi tajba ta' antiċipazzjoni tal-bidla u mmaniġġar tal-attivitajiet ta' ristrutturar fi hndan il-kumpaniji, kif ukoll mill-awtoritajiet pubbliċi, jiġu identifikati u mmonitorjati aħjar. Dawn għandhom, b'mod partikolari, jiffaċilitaw l-investment fil-kapital uman u jwasslu għal riallokazzjoni tar-riżorsi umani għal attivitajiet b'potenzjal għoli ta' tkabbir u impjegji ta' kwalità skont l-istrateġija "Ewropa 2020", filwaqt li jżidu l-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

L-approċċi spjegati f'dan il-QFR għandhom jikkontribwixxu għall-kompetittività fit-tul tal-kumpaniji u għall-impjegabbiltà sostnuta tal-ħaddiema tagħhom u jtaffu l-ispiża assoċjata, inkluża l-ispiża soċjali tal-bidla. Dan l-approċċ jorbot ukoll ma' għanijiet politiċi importanti tal-UE, essenzjalment dawk stabbiliti fl-istrateġija "Ewropa 2020" u inizjattivi prinċipali oħra sabiex jinkisbu kompetittività ekonomika sostenibbli u rkupru li jrendi ħafna impjegji, speċjalment fl-ekonomija reali.

Dan il-QFR jindirizza prinċipalment id-dimensjonijiet tal-impjegji u dawk soċjali tal-antiċipazzjoni tal-bidla strutturali. Perspettiva usa' dwar il-bidla strutturali tinkludi mhux biss id-dimensjonijiet tal-impatt fuq ix-xogħol iżda wkoll l-impatt industrijali u soċjali akbar tal-bidla strutturali fuq il-bliet u r-reġjuni fejn isseħħ. F'dak il-kuntest, diskussjoni dwar il-bidla strutturali tirrigwarda wkoll ir-rwol tal-politiki industrijali u reġjonali fl-antiċipazzjoni tal-aġġustament tar-reġjuni u l-industrija għall-bidliet strutturali. F'dak il-kuntest, l-istrateġiji ta'

<sup>1</sup> COM(2012)7 finali.

<sup>2</sup> <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P7-TA-2013-0005+0+DOC+XML+V0//EN>

<sup>3</sup> Il-Monitor Ewropew tar-Ristrutturar (ERM) huwa sett ta' dejta għall-UE kollha dwar avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala akbar. Dan jimmonitorja l-effetti mħabbra tar-ristrutturar fuq l-impjegji fl-UE28 u n-Norveġja. L-ERM jibbaża fuq ir-rapporti f'titli magħżula tal-midja (tlieta sa ħamsa għal kull pajjiż). Hija kkunsidrata kull tħabbira li tinvolvi t-tnaqqis jew il-ħolqien ta' mill-anqas 100 impjeg, jew li taffettwa 10% tal-forza tax-xogħol f'kumpaniji li jimjegaw 250 persuna jew aktar. Minħabba li l-ERM jibbaża fuq titli magħżula fil-midja, il-kopertura tiegħu tal-attività tar-ristrutturar f'kull Stat Membru hija indikattiva u ma tistax titqies bħala rappreżentattiva. Madankollu, id-dejta tal-ERM tiġġenera stampa tajba tar-ristrutturar tas-suq tax-xogħol li hija ġeneralment konsistenti mad-dejta li toħroġ minn sorsi aktar rappreżentattivi bħall-Istħariġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-Unjoni Ewropea.

"speċjalizzazzjoni intelliġenti" li jridu jiġu żviluppata fil-qafas tal-Fondi Strutturali tal-UE għall-2014-2020 huma rilevanti u bħala tali huma triq li għandha tkompli tiġi segwita mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni temmen li l-preżentazzjoni tal-prattika tajba żviluppata f'dan il-qasam matul is-snin lill-partijiet interessati kkonċernati kollha tista' tikkontribwixxi għal għarfien akbar u implimentazzjoni iżjed effettiva u ġeneralizzata ta' mmaniġġjar antiċipattiv, proattiv u soċjalment responsabbli tal-bidla u r-ristrutturar għall-benefiċċju ta' dawn il-partijiet interessati kollha u tas-soċjetà kollha kemm hi.

**Għaldaqstant, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri sabiex jappoġġaw u jippromwovu l-implimentazzjoni tal-QFR permezz ta' mezzi xierqa u tħeġġeġ lill-partijiet interessati kollha sabiex jikkooperaw fuq il-bażi tal-prinċipji u l-prattiki tajba ppreżentati. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-mod kif jiġi applikat il-QFR u tikkunsidra l-ħtieġa li tirrevedih sal-2016. Hija se żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bir-riżultati.**

## 2. KUNTEST TAL-POLITIKA

L-UE għandha qafas legali komprensiv sabiex tirregola l-mod kif id-djalogu soċjali fi ħdan il-kumpaniji u l-gruppi għandu jindirizza, fost kwistjonijiet oħra, l-antiċipazzjoni ta' avvenimenti ta' bidla u ristrutturar.

Aħna nużaw il-Fondi Strutturali, u b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, biex nappoġġaw l-addattament ekonomiku, it-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema li jingħataw is-sensja jew li jkunu f'riskju li jingħataw is-sensja. L-UE ħolqot ukoll strument speċifiku, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), biex tgħin lill-ħaddiema li jkunu tilfu l-impjiegi tagħhom.

Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali u l-Kummissjoni nedew diversi inizjattivi speċifiċi fil-qasam tal-antiċipazzjoni u l-immaniġġjar tal-bidla u r-ristrutturar (dettalji fl-Anness I). L-aħħar waħda, il-Green Paper ta' Jannar 2012 dwar ir-Ristrutturar, identifikat Prattiki u politiki ta' suċċess fir-rigward tal-antiċipazzjoni u r-ristrutturar, li kienu applikati matul l-aġħar snin tal-kriżi.<sup>4</sup>

Dawn l-isforzi kollha għandhom jitqiesu bħala partijiet integrali mill-ħidma tal-Kummissjoni biex treġġa' lura l-ekonomija tal-Ewropa fit-triq it-tajba permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġija "Ewropa 2020", is-Semestru Ewropew u inizjattivi prinċipali oħra fil-qasam tal-impjiegi, il-ħiliet u l-politika industrijali.

Il-Kummissjoni dan l-aħħar ħadet l-inizjattiva sabiex timmodernizza l-acquis tal-Unjoni dwar il-liġi tal-insolvenza. Din ir-riforma tar-regoli tal-UE dwar l-insolvenza ttipprova tiffaċilita s-sopravivenza tan-negozji u tippreżenta t-tieni ċans għall-imprendituri. Wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' dan l-approċċ Ewropew ġdid lejn il-falliment u l-insolvenza tan-negozji, li huwa "orjentat lejn is-salvataġġ", huwa li jippreżerva x-xogħol u jsalva l-impjiegi.

---

<sup>4</sup> Fir-riżoluzzjoni tiegħu li ġiet adottata fil-15 ta' Jannar 2013, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni biex tippreżenta inizjattiva ġdida dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema, l-antiċipazzjoni u l-immaniġġjar tar-ristrutturar, billi ssegwi r-rakkomandazzjonijiet dettaljati tal-Parlament ippreżentati fir-riżoluzzjoni.

## 2.1. Il-kontribut tal-liġi tax-xogħol tal-UE għar-ristrutturar

Id-Direttivi tal-UE dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema<sup>5</sup> jipprevedu prinċipalment l-involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-proċess tar-ristrutturar (li jagħtihom drittijiet proċedurali għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni). Dawn għandhom rwol kruċjali fil-promozzjoni ta' approċċ immirat sabiex jantiċipa l-bidla u jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni fir-risposta għaliha.

L-informazzjoni u l-konsultazzjoni f'waqthom tal-impjegati hija ta' importanza partikolari sabiex tiġi antiċipata l-bidla u għat-tnejn u l-immaniġġar sewwa tar-ristrutturar. Barra minn hekk, hija tista' tgħin sabiex jitnaqqas it-telf tal-impjegati, filwaqt li jinżammu wkoll il-livelli tal-impjegabbiltà u jitnaqqas l-kostijiet tal-aġġustament bl-użu tal-flessibbiltà interna.

Bħala parti mill-politika ta' regolamentazzjoni aħjar tal-Kummissjoni, il-“kontroll tal-idoneità” tagħha dwar il-liġi tal-UE fil-qasam tal-involviment tal-ħaddiema eżamina tliet Direttivi relatati mal-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema fuq livell nazzjonali<sup>6</sup> (id-Direttivi 98/59/KE dwar redundancies kollettivi, 2001/23/KE dwar trasferimenti ta' impriżi u 2002/14/KE dwar qafas ġenerali għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati).

Huwa kkonkluda li dan il-qafas leġislativ huwa ġeneralment xieraq għall-iskop tiegħu. It-tliet Direttivi huma ġeneralment rilevanti, effettivi, konsistenti u jsaħħu lil xulxin. Il-benefiċċji li jiġġeneraw aktarx li huma akbar mill-ispejjeż. Barra minn hekk, id-Direttivi jidhru li kkontribwew biex jilqgħu għax-xokk tar-riċessjoni u jtaffu l-konsegwenzi soċjali negattivi tal-operazzjonijiet ta' ristrutturar matul il-kriżi.

Madankollu, l-evalwazzjoni kixfet xi lakuni u nuqqasijiet relatati mal-kamp ta' applikazzjoni u l-operat tad-Direttivi. L-esklużjoni ta' intrapriżi iżgħar, l-amministrazzjonijiet pubbliċi (f'kuntrast mal-impriżi pubbliċi, li huma koperti) u l-baħħara mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi kienet ikkontestata minn xi partijiet interessati bħala li tnaqqas il-valur prattiku tad-Direttivi għal proporzjon sinifikanti tal-ħaddiema.

Il-kontroll tal-idoneità ġibed ukoll l-attenzjoni għal xi fatturi li f'xi ċirkustanzi speċifiċi setgħu kkontribwew sabiex inaqqas l-effikaċja tad-Direttivi, fosthom: l-inċidenza (baxxa) ta' korpi rappreżentattivi; il-kwalità tal-involviment tagħhom (b'mod partikolari l-mod kif jiġu kkonsultati, li sikwit huwa limitat jew formali; għarfien insuffiċjenti tad-drittijiet u l-obbligi; il-konformità u l-infurzar tal-liġi). Minħabba f'hekk, xi wħud mill-għanijiet tad-Direttivi, b'mod partikolari t-tnaqqis fin-numru tas-sensji kollettivi, l-immaniġġar aħjar u l-antiċipazzjoni tal-bidla, u l-adattabilità u l-impjegabbiltà aħjar tal-impjegati, jidhru li ma ntlaħqux b'mod sħiħ.

Fl-aħħar nett, il-kontroll tal-idoneità ġibed l-attenzjoni għal xi inkonsistenzi possibbli bejn id-Direttivi dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema fir-rigward ta' xi definizzjonijiet partikolari. L-indirizzar ta' dawn in-nuqqasijiet għandu jgħin sabiex jittejjeb ir-ristrutturar anki fuq livell ta' kumpanija.

Rigward l-azzjonijiet mhux leġislativi, ir-riċerka ssottolinjat l-importanza li tiġi stabbilita kultura ta' djalogu soċjali, li kemm l-impjegati kif ukoll min iħaddem ikunu konxji tad-drittijiet u l-obbligi ta' informazzjoni u konsultazzjoni fuq livell ta' kumpanija, u li dawn id-drittijiet jiġu infurzati b'mod effettiv f'każ ta' nuqqas ta' konformità.

<sup>5</sup> Ara l-lista fl-Anness I

<sup>6</sup> SWD(2013) 293, <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=89&newsId=1942&furtherNews=yes>

F'termini ta' qafas legali, il-Kummissjoni wiegħdet li tistudja l-possibbiltà li tikkonsolida d-Direttivi dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni. Dan kien ikkonfermat fil-Komunikazzjoni REFIT li ġiet adottata mill-Kummissjoni fit-2 ta' Ottubru 2013 <sup>7</sup>. Il-Kummissjoni se tikkonsulta mal-imsieħba soċjali fuq livell Ewropew skont l-Artikolu 154 TFUE.

## 2.2. L-istrumenti ta' appoġġ finanzjarju tal-UE

Is-suċċess tan-negozji u l-industrija tal-UE fis-swieq globali jiddependi fuq l-aċċess tagħhom għal forza tax-xogħol b'ħiliet għoljin u addattabbli.

B'aktar minn EUR 10 biljun investiti madwar l-UE kull sena, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) huwa l-istrument finanzjarju prinċipali li jintuża għall-investiment fil-ħiliet tal-ħaddiema u l-kapaċità tagħhom li jaddattaw għall-bidla. Huwa jagħmel dan billi jappoġġa riformi fis-sistemi edukattivi inizjali, b'enfasi partikolari fuq it-tlaqqiġ aħjar tal-ħiliet mgħallma ma' dawk meħtieġa fis-suq tax-xogħol (pereżempju, billi l-persuni jiġu mgħammra b'kompetenzi trasferibbli bħalma huma l-ħiliet diġitali, il-lingwi jew l-intraprenditorija), it-titjib f'termini tal-kisba tat-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol (pereżempju, billi jappoġġa taħriġ vokazzjonali addizzjonali, apprendistati jew internships) u billi jżid l-għoti tat-tagħlim tul il-ħajja kemm fuq ix-xogħol kif ukoll separat minnu. Dawn l-interventi kollha mhux biss itejbu l-opportunitajiet tal-individwi fis-suq tax-xogħol iżda jgħinu wkoll lill-impjegaturi sabiex ikollhom aċċess għal impjegati bil-ħiliet korretti u l-kapaċità li jaddattaw għall-bidliet, b'impatt pożittiv fuq il-kompetittività.

Sabiex jiġi sfruttat b'mod sħiħ il-potenzjal tal-FSE, huwa essenzjali li l-partijiet interessati rilevanti kollha, u b'mod partikolari l-imsieħba soċjali, ikunu involuti fl-ipprogrammar u fejn ikun xieraq anki fl-implimentazzjoni tal-interventi. Il-minimu li huwa meħtieġ għall-perjodu finanzjarju li jmiss huwa li l-Istati Membri josservaw ir-regoli stabbiliti fl-Att Iddelegat ġejjieni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija.

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), li jikkomplimenta l-FSE, jipprovdi appoġġ individwali b'terminu, ta' darba, biex jgħin ħaddiema li jingħataw is-sensja f'ċirkustanzi diffiċli u ħafna drabi bħala parti minn sensji bil-massa. Il-FEG jgħin lill-ħaddiema jindirizzaw il-konsegwenzi negattivi tar-ristrutturar permezz ta' miżuri ta' finanzjament bħal għajjnuna fit-tfittxija għax-xogħol, pariri dwar il-karriera, taħriġ u taħriġ mill-ġdid skont il-ħtiġijiet tal-individwu, u promozzjoni tal-intraprenditorija, kif ukoll allowances individwali għall-parteċipazzjoni f'diversi attivitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u taħriġ.

Minn mindu beda, mill-bidu tal-2007 sa Awwissu 2013, il-FEG irċieva 110 applikazzjonijiet minn 20 Stat Membru u għen aktar minn 100 000 ħaddiem<sup>8</sup>.

<b>Analiżi tal-applikazzjonijiet tal-FEG għas-setturi industrijali 2007-Awwissu 2013</b>	
Industrija tal-karozzi	19
Makkinarju u Tagħmir	12

<sup>7</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomika u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "L-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT): Ir-Riżultati u l-Passi Li Jmiss", tat-2 ta' Ottubru 2013, COM(2013) 685 finali.

<sup>8</sup> Ara r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni fl-2012, tal-14 ta' Novembru 2013, COM(2013) 782 finali.

Tessuti	10
Industrija tal-istampar	9
Kostruzzjoni tal-bini	7
Telefowns ċellulari	6
Metalli bażiċi, Tagħmir elettroniku	5
Ħwejjeġ	4
Kummerċ bl-imnut	3
Żraben, Xogħol tal-injam, Xogħol tal-metall; Apparat domestiku; Bini ta' vapuri	2
Oħrajn (20 settur)	1

Fil-perjodu ta' programmar li jmiss 2014-2020, kemm l-FSE kif ukoll il-FEG se jkomplu jiffinanzjaw investimenti fil-kapital uman. Il-FSE, flimkien mal-Inizjattiva l-ġdida favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ, se jipprovdu appoġġ b'saħħtu għall-impjieg taż-żgħażaġh u jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ, filwaqt li l-FEG se jikkofinanzja miżuri li jappoġġaw ħaddiema li jingħataw is-sensja mhux biss minħabba l-globalizzazzjoni iżda wkoll minħabba kriżijiet ekonomiċi maġġuri.

Il-FEŻR jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali billi jirrimedja l-iżbilanċi reġjonali prinċipali permezz tal-appoġġ għall-iżvilupp u l-aġġustament strutturali tal-ekonomiji reġjonali, inkluża l-konverżjoni tar-reġjuni industrijali li jkunu sejrin lura u r-reġjuni li għadhom lura, u l-appoġġ għall-kooperazzjoni transfruntiera, transnazzjonali u interreġjonali. Dan l-appoġġ isaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, johlloq u jissalvagwardja impjegi sostenibbli, u jassigura l-iżvilupp sostenibbli. Fil-perjodu ta' programmar li jmiss 2014 -2020, dan il-kompitu għall-FEŻR se jissokta.

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ta' wara l-2013 joffri diversi strumenti li jgħinu sabiex jakkumpanjaw il-bidliet ekonomiċi u soċjali fiż-żoni rurali. Huwa jappoġġa l-iżvilupp tal-irziezet u n-negozji, l-investimenti fit-twaqqif, it-titjib u l-espansjoni ta' servizzi bażiċi għall-popolazzjoni u l-infrastruttura relatata kif ukoll il-kooperazzjoni ekonomika, ambjentali jew soċjali bejn tipi differenti ta' atturi. Dan jista' jkun ikkumplimentat minn azzjonijiet ta' taħriġ u informazzjoni mmirati lejn l-operaturi fis-setturi agrikoli, tal-ikel u tal-forestrija kif ukoll SMEs li joperaw f'żoni rurali.

Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) ukoll jappoġġa l-investimenti fil-kapital uman sabiex iqabbel aħjar il-ħiliet tal-operaturi ma' dawk meħtieġa, fis-settur tas-sajd jew tal-akkwakultura, jew b'mod aktar ġenerali fis-suq tax-xogħol, pereżempju billi jappoġġa l-apprendistati jew it-tagħlim tul il-ħajja. Il-FEMS jista' jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-kompetittività mhux biss tas-settur tas-sajd u l-akkwakultura, iżda wkoll tal-industrija marittimi u b'mod aktar ġenerali tal-ekonomiji kostali.

Erasmus+, il-programm tal-UE dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh għall-perjodu 2014-2020, jikkontribwixxi wkoll sabiex jappoġġa l-politiki ta' taġħlim tul il-ħajja. L-arkitettura tiegħu tintegra s-setturi edukattivi differenti u tnaqqas id-differenza bejn it-taġħlim formali, mhux formali u informali. Il-programm il-ġdid Erasmus+ se jappoġġa fost l-oħrajn riformi fl-Istati Membri għall-immodernizzar tas-sistemi edukattivi u ta' taħriġ u għall-promozzjoni tal-innovazzjoni, l-intraprenditorija u l-impjegabbiltà.

### 2.3. Inizjattivi settorjali

F'diversi setturi industrijali affettwati b'mod partikolari mir-ristrutturar, bħas-setturi tal-karozzi, tal-azzar, tad-difiża, tal-kimika, tal-istampar u tat-tessuti, f'dawn l-aħħar snin kienet żviluppata kooperazzjoni b'saħħitha fuq livell tal-UE bejn il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u r-rappreżentanti prinċipali tal-industrija u t-trejdjunjins jew fi ħdan id-djalogu soċjali Ewropew. Din il-kooperazzjoni rriżultat fi gwida speċifika għall-atturi rilevanti dwar kif jantiċipaw u jimmaniġġaw aħjar il-bidla u r-ristrutturar<sup>9</sup>. Għandu jiġi enfasizzat li ħafna mill-prattiċi tajba ppreżentati f'dan il-QFR aktar 'l isfel diġà huma implimentati minn bosta kumpaniji u setturi industrijali. Eżempji ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma mogħtija fl-Anness II fir-rigward tas-setturi tal-karozzi u tal-azzar.

### 2.4. Il-Green Paper ta' Jannar 2012

Bħala parti mill-istrateġija "Ewropa 2020" u b'mod partikolari l-inizjattivi emblematiċi "Politika industrijali integrata għall-era tal-globalizzazzjoni" u "Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi", il-Kummissjoni adottat il-Green Paper dwar "Ristrutturar u antiċipazzjoni tal-bidla: x'tgħallimna mill-esperjenza riċenti?"<sup>10</sup>, li għandha l-għan li tidentifika prattiċi u politiki ta' suċċess immirati lejn ir-ristrutturar u l-addattament għall-bidla fil-kuntest tal-irkupru mill-kriżi u bil-għan li jżommu l-kompetittività tal-forza tax-xogħol u jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet minn impjeg għall-ieħor.

#### PUNTI SALJENTI TAT-TWEĠIBIET GĦALL-GREEN PAPER

Jeżisti kunsens wiesa' dwar l-importanza kruċjali ta' pożizzjonijiet antiċipattivi u proattivi, speċjalment f'livell ta' kumpanija, iżda wkoll f'livelli reġjonali u settorjali.

Kważi dawk kollha li wieġbu ssottolinjaw ir-rwol tad-djalogu soċjali u t-trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet bħala fattur ewlieni għall-bini tal-fiduċja u l-kunsens bejn il-partijiet interessati kollha.

Intqal ħafna dwar in-natura essenzjali tat-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet bħala element permanenti tal-ħajja tax-xogħol, sabiex jiżiedu l-kompetittività tal-kumpaniji u l-impjegabbiltà tal-ħaddiema.

Kien hemm diverġenza dwar l-adegwatezza ta' strument tal-UE f'dan il-qasam.

L-imsieħba soċjali Ewropej qablu dwar l-importanza u r-rilevanza ta' dan is-suġġett għall-ħidma taġħhom u r-rieda li jikkooperaw aktar.

<sup>9</sup> Ara, għas-setturi tal-karozzi u tal-azzar, [http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/automotive/cars-2020/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/automotive/cars-2020/index_en.htm) and [http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/metals-minerals/files/steel-action-plan\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/metals-minerals/files/steel-action-plan_en.pdf)

<sup>10</sup> Riżultati aktar dettaljati tal-Green Paper jistgħu jinsabu fuq: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=699&consultId=9&furtherConsult=yes>

### **3. IMPLIKAZZJONIJIET USA' TAL-POLITIKA**

#### **3.1. Il-kuntest makroekonomiku**

Il-kriżi finanzjarja u tad-dejn sovrani tal-2008 kellha impatt qawwi fuq l-ekonomija Ewropea. Il-wirt tal-kriżi, id-diżingranaġġ, il-frammentazzjoni tas-sistemi finanzjarji u tas-swieq tal-kreditu, u l-livelli għoljin tal-qgħad ser ikompli jaffettwaw it-tkabbir fil-perjodu li ġej. L-impatt ta' dan gradwalment ser jonqos hekk kif l-iżbilanċi makroekonomiċi akkumulati jiġu kkoreġuti. It-titjib fis-suq tax-xogħol se jieħu ż-żmien biex iseħħ, bil-qgħad li mistenni jibqa' għoli f'livell inaċċettabbli f'bosta partijiet tal-Ewropa għal xi żmien fil-ġejjieni, waqt li s-sitwazzjoni soċjali usa' tibqa' depressa.

L-isfidi tal-politika jinħolqu minn dan l-ambjent. Biex l-attività ekonomika terġa' tibda fuq bażi sostenibbli, il-kompożizzjoni tal-prodott trid tinbidel ukoll. B'mod partikolari, il-pajjiżi li kienu kkonċernati bi żbilanċi esterni kbar qabel il-kriżi jridu jespandu s-settur tal-esportazzjoni tagħhom u jtejbu l-kompetittività tal-prezzijiet u mhux tal-prezzijiet. L-importanza tal-industriji kummerċjabbli trid tiżdied, li jimplika ċaqliq tar-riżorsi lil hinn mis-settur mhux kummerċjabbli. Iż-żidiet fil-kompetittività jistgħu jkunu jeħtieġu l-adozzjoni ta' teknoloġiji li jużaw ir-riżorsi b'mod aktar effiċjenti, appoġġ u investimenti aħjar fil-ħiliet u modi differenti kif tiġi organizzata l-produzzjoni.

Fl-istess ħin, il-kuntest makroekonomiku preżenti, ikkaratterizzat minn domanda baxxa għall-ħaddiema, rati baxxi persistenti ta' sejbien tax-xogħol u żieda fir-rati ta' qgħad fit-tul, iżid l-ispejjeż soċjali tal-proċessi ta' ristrutturar li għaddejjin. Dan jitlob oqfsa effettivi ta' politika sabiex jappoġġaw u jakkumpanjaw lill-atturi kollha involuti f'dawn il-proċessi.

#### **3.2. Ir-ristrutturar u l-irkupru rikk fl-impjiegi fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020**

L-UE rrispondiet b'determinazzjoni u riformi ekonomiċi għall-impatt gravi tal-kriżi. B'riżultat ta' dan, sar progress fl-istabbiliment mill-ġdid tal-istabilità makroekonomika u tas-suq finanzjarju permezz tat-titjib fil-governanza u l-introduzzjoni ta' riformi politiċi u regolatorji sabiex jilħqu l-ħtiġijiet ta' unjoni monetarja ġenwina.

Fl-2010, il-Kummissjoni nediet l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv<sup>11</sup>. Kull sena, l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) jistabbilixxi l-prijoritajiet ewlenin għas-sena sussegwenti. Is-SAT tal-2014 jikkonferma li l-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività, kif ukoll l-indirizzar tal-impjiegi u tal-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, jinsabu fil-qalba tal-aġenda politika tal-UE.

F'dan il-kuntest, is-SAT jenfasizza li r-ristrutturar jimxi id f'id ma' ritorn għat-tkabbir billi l-kumpaniji u l-unitajiet domestiċi jnaqqsu d-dejn eċċessiv u l-fatturi ta' produzzjoni jiġu utilizzati f'setturi aktar produttivi tal-ekonomija. L-irkupru jfisser is-sejbien ta' sorsi ġodda ta' tkabbir u kompetittività fuq medda itwal ta' żmien, b'attivitàjiet b'għarfien intensiv u produttività għolja għall-ekonomija Ewropea – dan ma jistax jinkiseb mingħajr proċess immaniġġjat kif xieraq ta' ristrutturar tal-bażi industrijali tal-UE u tal-ekonomija b'mod aktar ġenerali.

Is-SAT jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi sostnut il-ħolqien tal-impjiegi foqasma li se jiġġeneraw opportunitajiet sinifikanti ta' impjiegi fis-snin li ġejjin. L-ekonomija ekoloġika, is-setturi diġitali u tas-saħħa ġew identifikati bħala setturi li qed jikbru malajr u li joriġinaw minn trasfromazzjonijiet strutturali qawwija tal-ekonomija u s-soċjetà tagħna. Dan jirrikjedi l-iżvilupp ta' oqfsa strateġiċi fejn is-suq tax-xogħol u l-politiki tal-ħiliet għandhom rwol attiv

<sup>11</sup> COM(2010) 2020, Ewropa 2020 - Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.



fis-sostenn tal-ħolqien tal-impjiegi f'dawn is-setturi, kif ukoll l-antiċipazzjoni u l-aġġustament għal xejriet ġodda ta' tkabbir, b'mod partikolari għal negozji li jkunu għadhom kemm fetħu fis-settur teknoloġiku u li jikbru malajr.

L-iżvilupp ta' dawn il-prijoritajiet politiċi jseħħ fil-kuntest tas-Semestru Ewropew fejn ir-rakkomandazzjonijiet jinħarġu lill-Istati Membri għal riformi strutturali li jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi u l-kompetittività. Tinħtieġ ukoll ħarsa aktar fil-fond lejn il-politiki makroekonomiċi taġġna, l-implimentazzjoni taġġhom u l-arranġamenti tal-governanza. Ir-riformi fil-politiki makroekonomiċi li twettqu sabiex jistabbilizzaw l-ekonomija tal-UE għandhom ikunu kkomplimentati minn inizjattivi kkoordinati tajjeb ta' politika makroekonomika li jistgħu jilliberaw il-potenzjal produttiv taġġna u jżidu l-kompetittività.

### **3.3. Ir-rwol tal-politika industrijali**

L-inċertezzi makroekonomiċi u r-riġiditajiet strutturali jippreżentaw prospettiva ta' tħassib għall-industrija Ewropea. Għalkemm l-indikaturi prinċipali disponibbli bħalissa jindikaw li l-prestazzjoni industrijali taġġna se titjeb. Il-prestazzjoni esterna taġġna tjebet b'mod sinifikanti iżda xorta għadna taħt il-livelli ta' produzzjoni industrijali ta' qabel il-kriżi u l-investment privat għadu baxx.

Fl-2010 l-Kummissjoni ppreżentat politika industrijali integrata<sup>12</sup> li ġiet aġġornata f'Ottubru 2012<sup>13</sup>. Prijorità importanti tal-politika industrijali l-għdida hija li tgħin lill-industrija tal-UE tirkupra malajr u taġġmel l-aġġustamenti meħtieġa wara l-kriżi ekonomika. Dan ifisser li tappoġġa r-riallokkazzjoni tal-ħaddiema minn setturi u attivitajiet li sejrjn lura għal dawk li qegħdin jikbru. Antiċipazzjoni u mmaniġġar aħjar tar-ristrutturar għandhom jgħinu lill-impjegati kif ukoll lill-kumpaniji sabiex jaddattaw aħjar għat-tranżizzjonijiet imposti mill-kapaċitajiet żejda u l-immodernizzar, kif ukoll il-ħtiġijiet ta' innovazzjoni li jirriżultaw mit-tibdil ekonomiku u l-aġġustament strutturali.

L-investment fl-innovazzjoni huwa mod prinċipali biex jiġu appoġġjati l-industriji Ewropej, flimkien ma' investment f'ħiliet ġodda għal impjiegi aħjar. L-Ewropa teħtieġ professjonisti bi kwalifiki għolja jekk trid timxi 'l quddiem fil-livell globali permezz tal-innovazzjoni. It-tkabbir futur u l-ħruġ mill-kriżi attwali jiddependu ferm fuq iż-żieda fl-investment fir-riċerka u t-trawwim tal-innovazzjoni kif ukoll forza tax-xoġhol b'ħiliet xierqa. Dan l-approċċ integrat huwa verament fil-qalba tal-istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir u l-impjiegi.

Politika industrijali kompetittiva u effiċjenti tiddependi fuq swieq tax-xoġhol dinamiċi. Iż-żieda fil-potenzjal ta' ħolqien tax-xoġhol ta' swieq ewlenin permezz ta' sinerġiji ġodda ma' politiki rilevanti tal-UE, u l-indirizzar tal-isfidi tas-suq tax-xoġhol relatati mat-tibdil strutturali fil-qafas tad-djalogu soċjali għalhekk huma meqjusa bħala elementi prinċipali ta' politika industrijali kompetittiva u effiċjenti.

It-tibdil strutturali u l-innovazzjoni huma forza kemm ta' qerda tal-impjiegi kif ukoll ta' ħolqien tal-impjiegi. Strateġiji proattivi jistgħu biss, b'mod partikolari permezz tal-innovazzjoni, jiffaċilitaw tranżizzjonijiet soċjalment inklużivi u jippermettulna li nindirizzaw aħjar il-kwistjonijiet taż-żieda fil-qgħad u l-esklużjoni soċjali.

### **3.4. Id-dinamika tas-swieq tax-xoġhol**

<sup>12</sup> COM(2010)614 Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni Il-Kompetittività u s-Sostenibilità fix-Xena Prinċipali.

<sup>13</sup> COM(2012)582 Industrija Ewropea Aktar B'saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku Aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali.

Is-Semestru Ewropew jikkonsisti f'approċċ ġdid li permezz tiegħu l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE qed isaħħu l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, fosthom koordinazzjoni msaħħa tal-politiki dwar l-impjiegi u soċjali, u l-monitoraġġ tal-azzjonijiet li jappoġġjaw l-oġġettivi tal-Ewropa 2020, speċjalment dawk dwar l-impjiegi.

Fi żmien meta l-impatt soċjali tal-kriżi għadu jinħass sewwa u r-rati tal-qgħad għadhom fost l-ogħla fl-istorja<sup>14</sup>, ir-restawr tad-dinamika tas-swieq tax-xogħol fl-UE kollha huwa essenzjali. Fil-Pakkett tal-Impjiegi tal-2012<sup>15</sup>, il-Kummissjoni enfasizzat ir-rwoli tat-tranżizzjonijiet tal-impjiegi tal-kwalità, l-investment fil-ħiliet u l-mobilità.

L-antiċipazzjoni f'waqtha tal-bidla u tal-kapital uman meħtieġ tista' tikkontribwixxi għal irkupru rikk fl-impjiegi u għat-tranżizzjoni lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Din tkun tippromwovi b'mod sostanzjali l-kompetittività tal-kumpaniji, ittejjeb l-impjegabilità tal-ħaddiema kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tappoġġa l-impjiegi. L-awtoritajiet pubbliċi, inkluż fil-livell reġjonali, għandhom interess vestit li jkunu involuti biex jiffaċilitaw il-kisba tal-għanijiet imsemmija filwaqt li jnaqqsu wkoll it-tbatija soċjali.

L-evitar ta' sensji kollettivi u r-riċessjoni ta' reġjuni sħaħ jew ir-rilokazzjoni ta' industriji sħaħ, ħafna drabi b'impatt transfruntier qawwi, huwa għan ewlieni li jista' jintlaħaq billi tiġi ffaċilitata l-konverżjoni ekonomika u t-tranżizzjonijiet ekonomiċi b'suċċess. F'dak ir-rigward, il-QFR se jgħin biex isaħħaħ il-kapaċità tan-negozji, tal-forzi ta-xogħol u tar-reġjuni li jadattaw b'mod faċli għal ambjent ekonomiku li qed jinbidel malajr.

Aspett importanti ieħor huwa l-ispejjeż soċjali potenzjalment kbar b'riżultat ta' operazzjonijiet ta' ristrutturar u li għandhom jitħallsu mill-awtoritajiet pubbliċi, partikolarment fir-rigward tal-qgħad, żieda fl-inugwaljanza u l-faqar, eċċ. Dawn l-ispejjeż huma ta' piż kbir fuq il-finanzi pubbliċi u jistgħu jfixklu l-irkupru ekonomiku fuq livell nazzjonali. Perspettiva Ewropea komuni dwar il-proċessi ta' ristrutturar tista' tgħin tipprevjeni l-okkorrenza ta' dawn l-ispejjeż jew tqassam il-piż tagħhom fost id-diversi partijiet interessati involuti fl-operazzjonijiet ta' ristrutturar.

L-UE bniet sistema b'saħħitha ta' protezzjoni tal-impjiegi u soċjali li, flimkien ma' livell relattivament għoli ta' edukazzjoni, kienet il-bażi għall-prosperità ekonomika u soċjali tagħha. Min-naħa l-oħra, dik is-sistema ġiet iddisinjata biex tappoġġa l-istabbiltà tax-xogħol u f'it li xejn kienet tagħmel enfasi fuq il-promozzjoni tal-adattabilità tal-ħaddiema u bħala riżultat qiegħda dejjem aktar issir inadegwata biex tagħti lill-ħaddiema individwali ċans reali ta' futur professjonali meta l-impjiegi tagħhom ikunu qegħdin f'riskju.

L-ambjenti tan-negozju kemm attwali u futuri li qed jinbidlu malajr se jittestjaw il-kapaċitajiet organizzattivi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-bidla tiġi antiċipata kif ukoll ir-riallokazzjoni ta' malajr u bla xkiel tar-riżorsi, speċjalment dawk umani, mill-attivitajiet li sejrini lura għal dawk emerġenti. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja u l-aċċelerazzjoni konkomitanti tal-bidla jagħmluha aktar importanti minn qatt qabel biex l-Ewropa tindirizza dawk in-nuqqasijiet. L-antiċipazzjoni tajba u l-ġestjoni soċjalment responsabbli tar-ristrutturar sejrini jagħtu kontribut qawwi lil dan.

Is-sigurtà fit-tranżizzjonijiet tal-impjiegi hija kruċjali. Issa karriera tul il-ħajja kkaratterizzata minn għadd ta' tibdil tal-postijiet tax-xogħol hija realtà għal ħafna ħaddiema. Il-kwalità tat-tranżizzjonijiet se tiddetermina l-kwalità tal-karriera tal-ħaddiem u hija essenzjali sabiex

<sup>14</sup> Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2014, tat-13 ta' Novembru 2013, COM(2013)801 finali.

<sup>15</sup> Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbondanti ta' impjiegi, COM(2012) 173 finali, 18.4.2012, <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1039&langId=en>

tipprovdi lill-individwi bil-mezzi meħtieġa biex iżommu l-impjegabilità tagħhom u jagħmlu tranżizzjonijiet b'suċċess. Aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, fil-kuntest jew ta' impjieg jew ta' qgħad, huwa essenzjali sabiex tkun tista' tinżamm l-impjegabilità.

L-antiċipar tar-ristrutturazzjoni jista' jantiċipa sitwazzjonijiet ta' kriżi permezz ta' ġestjoni proattiva u negozjata tal-operazzjonijiet ta' ristrutturar u l-bidla strutturali. Dawn l-approċċi għandhom jinkludu miżuri bħal monitoraġġ kontinwu tal-impjiegi u tal-ħiliet meħtieġa u programmi kontinwi ta' titjib tal-ħiliet għall-ħaddiema sabiex isostnu l-impjegabilità tagħhom u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom għal impjiegi ġodda fil-każ ta' ristrutturar.

Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) għandhom rwol importanti x'jaqdu biex jappoġġjaw it-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol. Huma l-pont bejn min qiegħed ifittex ix-xogħol u min iħaddem. Għalkemm l-istruttura tal-PES tvarja minn pajjiż għall-ieħor, kollha jgħinu biex ilaqqgħu l-provvista mad-domanda fis-suq tax-xogħol permezz ta' informazzjoni, l-impostazzjoni u servizzi attivi ta' appoġġ fuq livell lokali, nazzjonali u Ewropew. Kollaborazzjoni aħjar bejn il-PES tista' ttejjeb il-kapaċità tagħhom li jirrispondu b'mod effettiv għar-ristrutturar.

L-inizjattiva Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda tfittex li tippromwovi antiċipazzjoni aħjar tal-ħiliet meħtieġa fil-futur, tiżviluppa tlaqqiġ aħjar bejn il-ħiliet u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tnaqqas id-distakk bejn id-dinja tal-edukazzjoni u dik tax-xogħol. Il-Komunikazzjoni dwar ir-"Reviżjoni tal-Edukazzjoni"<sup>16</sup> tistabbilixxi qafas politiku komprensiv għall-edukazzjoni u t-taħriġ bil-għan li jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol tkun mġhamra bil-ħiliet xierqa.

Apprendistati ta' kwalità għolja u skemi oħra ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol bħal skemi ta' taħriġ jgħinu biex jipprovdu l-ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol. B'hekk jistgħu jikkontribwixxu għal tqabbil aħjar tal-ħiliet u l-kompetittività ekonomika. Il-Kummissjoni nediet l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati<sup>17</sup> biex ittejjeb il-provvista, il-kwalità u l-immagna tal-apprendistati. Ipproponiet ukoll Qafas ta' Kwalità għall-Apprendistati<sup>18</sup> biex ittejjeb il-kwalità tal-iskemi ta' taħriġ<sup>19</sup>.

Il-potenzjal tal-mobilità tax-xogħol fl-UE li tindirizza l-isfidi tar-ristrutturar għadu mhux qed jiġi sfruttat. Il-Kummissjoni se tressaq proposta għal Regolament bil-għan li jissaħħaħ in-network tal-EURES sabiex jiġu indirizzati aħjar id-diskrepanzi u l-iżbilanċi fis-suq tax-xogħol Ewropew u jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ madwar l-UE, b'mod partikolari permezz ta' aċċess imtejjeb għal servizzi ta' appoġġ għall-mobilità tax-xogħol fl-UE għall-ħaddiema. Fix-xhur li ġejjin il-Kummissjoni se tkun qed taħdem ukoll biex tissimplifika u ttejjeb ir-regoli dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali u l-impatt tagħhom fuq il-mobilità tax-xogħol.

### 3.5. Kwistjoni kruċjali għall-SMEs

Qafas Ewropew se jkun utli wkoll fil-każ ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) peress li dawn jiffaċċjaw diffikultajiet akbar biex jantiċipaw il-bidla u jsibu ħaddiema tas-sengħa. Għandhom jitqiesu sew il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom u speċjalment il-ħtieġa tagħhom għal ambjent prevedibbli u stabbli li jippermettilhom ikunu kompetittivi kemm fis-swieq lokali kif ukoll f'dawk globali. Għalhekk, minflok ma l-SMEs jitħallew jiffaċċjaw piżijiet

<sup>16</sup> COM (2012) 669 final.

<sup>17</sup> [http://ec.europa.eu/education/apprenticeship/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/education/apprenticeship/index_en.htm)

<sup>18</sup> Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas tal-Kwalità għall-Apprendistati, tal-4 ta' Diċembru 2013, COM(2013) 857 finali

<sup>19</sup> Programmi ta' appoġġ ta' fellowships u apprendistati, bħall-fellowships Horizon 2020 Marie-Sklodowska Curie huma importati wkoll f'dan ir-rigward.

addizzjonali, il-QFR għandu l-għan li l-atturi l-oħra (kumpaniji akbar, awtoritajiet pubbliċi) jieħdu azzjoni li tippermetti lill-SMEs, li għandhom anqas riżorsi umani u finanzjarji, biex jiżviluppaw l-istrateġiji ta' ppjanar tagħhom u jantiċipaw il-ħiliet meħtieġa tagħhom permezz ta' taħriġ xieraq tal-impjegati tagħhom. Barra minn hekk, meta jiġu implimentati l-azzjonijiet skont il-QFR, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-ispeċifità tal-SMEs li qegħdin jikbru malajr, li ħafna drabi jirrikjedu reklutaġġ u riallokazzjoni malajr tal-forza tax-xogħol, kif ukoll id-disponibbiltà ta' grupp ta' ħaddiema mħarrġa.

### **3.6. Kwistjoni emerġenti għas-settur pubbliku fi tranżizzjoni**

Kważi f'kull pajjiż l-impjegati tas-settur pubbliku ġew affettwati wkoll mill-kriżi hekk kif il-gvernijiet qed ifittxu li jnaqqsu d-daqs tas-settur pubbliku. Ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika kienet tinkludi l-iffriżar tal-pagi, tnaqqis fil-pagi, u tibdil fl-arranġamenti kuntrattwali u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll tnaqqis fil-livelli tal-persunal.

Peress li l-impjegati tas-settur pubbliku, inkluż il-ħaddiema taċ-ċivil, jaraw li r-relazzjoni tal-impjieg tagħhom qed issir dejjem aktar bħal kuntratt tas-settur privat, speċjalment fir-rigward tas-sigurtà tax-xogħol, jidher li mhux biss huwa leġittimu iżda wkoll neċessarju li l-mekkaniżmu ta' adattament previst jiġi estiż lilhom ukoll.

Barra minn hekk, is-settur pubbliku jimpjega madwar 25% tal-forza tax-xogħol fl-UE, u għandu rwol ċentrali fit-tfassil tal-ekonomija u s-soċjetà tagħna. L-istimular tal-innovazzjoni fis-settur pubbliku (eż. permezz ta' kollaborazzjoni intensifikata, il-ħolqien konġunt ta' soluzzjonijiet maċ-ċittadini, it-trawwim ta' kultura ta' esperimentazzjoni) jista' jkollu rwol importanti fit-tiġib tal-kwalità tal-impjiegi fis-settur pubbliku u fis-servizzi li jipprovdu. Settur pubbliku effettiv u innovattiv jiġġenera aktar innovazzjoni fl-ekonomija ġenerali u għalhekk aktar tkabbir u impjiegi.

Għalhekk il-Kummissjoni qed tappella lill-Istati Membri biex jesploraw modi kif japplikaw il-QFR propost għall-impjegati tas-settur pubbliku, irrispettivament min-natura statutorja tar-relazzjoni tal-impjieg tagħhom.

Aspett partikolarment rilevanti tat-tranżizzjoni msemmija huwa meta l-provvista tas-servizzi pubbliċi timxi minn monopolji pubbliċi lejn sistemi ta' konċessjoni peress li t-tiġdid tal-konċessjonijiet jinvolvi episodji ta' ristrutturar. Dan se jeħtieġ grad ta' mobilità tax-xogħol kif ukoll antiċipazzjoni u ħidma amministrattiva mill-partijiet involuti. Dan l-isforz, u l-appoġġ pubbliku meħtieġ, se jkun akbar meta tiddaħħal għall-ewwel darba sistema ta' konċessjoni.

## **4. KONKLUŻJONI**

Abbażi tal-evidenza u l-argumenti mressqa, il-Kummissjoni tippreżenta lill-partijiet interessati kollha l-QFR li ġej, ibbażat fuq eżempji prattiċi li jinsabu f'għadd ta' oqfsa nazzjonali, sistemi ta' relazzjonijiet industrijali u kuntesti soċjali. Anke jekk xi wħud mill-prattiki tajbin imsemmija hawn isfel mhumiex awtomatikament trasferibbli, jistgħu iservu bħala sors ta' ispirazzjoni u gwida.

Il-Kummissjoni issejjaħ:

- lill-Istati Membri biex jappoġġjaw, ixerrdu u jippromwovu l-applikazzjoni wiesgħa tal-QFR u tteġġeg lill-partijiet interessati kollha biex jikkooperaw abbażi tal-prinċipji u l-prattiki tajbin deskritti;
- lill-partijiet interessati kollha biex inisslu u jimplementaw prinċipji u għodod iddedikati biex jappoġġjaw l-SMEs fl-isforzi ta' ristrutturar tagħhom;

- lill-Istati Membri biex jikkunsidraw japplikaw il-QFR propost għall-impjegati tas-settur pubbliku, irrispettivament min-natura, statutorja jew kuntrattwali, tar-relazzjoni tal-impjieg tagħhom;
- lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jużaw il-fondi tal-UE, f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat u b'appoġġ ta' investimenti li janteċipaw u jiffaċilitaw bidla industrijali anki minn perspettiva ta' politika industrijali fil-qafas tal-istrateġija Ewropa 2020, u l-iżvilupp tal-kapital uman permezz ta' titjib tal-ħiliet u t-taħriġ, kif ukoll biex itaffu l-konsegwenzi soċjali negattivi tar-ristrutturar billi jappoġġjaw l-impjieg mill-ġdid ta' ħaddiema li ngħataw is-sensja (FSE u FEG);
- lill-imsieħba soċjali biex jikkontribwixxu għat-tiżni ta' dan il-QFR u biex jiffaċilitaw il-proċess ta' adattament ekonomiku billi jfasslu u jinnegożjaw fil-livell rilevanti (nazzjonali, settorjali, ta' kumpanija, eċċ) oqfsa ta' azzjoni dwar l-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar u l-flessibilità interna.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-mod kif il-QFR huwa applikat fl-UE u tibgħat ir-rapporti ta' monitoraġġ lill-Parlament Ewropew u lill-imsieħba soċjali. Abbażi ta' dawn ir-rapporti u ta' valutazzjoni politika li takkumpanjahom, il-Kummissjoni se tqis ir-reviżjoni tal-QFR sal-2016 jekk ikun meħtieġ. Din ir-reviżjoni se tistabbilixxi jekk hijiex meħtieġa azzjoni ulterjuri, inkluża proposta leġiżlattiva.

# QAFAS TA' KWALITÀ GĦALL-ANTIĊIPAZZJONI TAL-BIDLA U R-RISTRUTTURAR

## Antiċipazzjoni, ġestjoni u monitoraġġ/valutazzjoni

Il-prattiki ġodda li ġew applikati kemm ġewwa u barra minn kumpaniji sa mill-aħħar tad-disġhinijiet juru li l-antiċipazzjoni tal-ħiliet u tat-taħriġ meħtieġa, kif ukoll ristrutturar responsabbli, jistgħu jkunu ta' suċċess meta jkun hemm kooperazzjoni bejn l-atturi soċjali u reġjonali.

Lil hinn mill-oġettivi imperattivi dwar l-impjegi u soċjali, l-antiċipazzjoni u r-ristrutturar ġestiti sew huma prekondizzjonijiet ta' suċċess ekonomiku u kundizzjonijiet aħjar tax-xoġhol. Jekk dejjem inżommu quddiem għajnejna l-importanza strateġika tal-evoluzzjoni tal-post tax-xoġhol u t-tqegħid tal-proċessi tal-bidla fi ħdan oqfsa għal żmien twil (minflok deċiżjonijiet ibbażati fuq ix-xewqa għal profitti ta' malajr jew fuq oġettivi tal-valur tal-assi) dan jista' jikkontribwixxi b'mod utli għas-sostenibbiltà u l-kompetittività tan-negożji. Din l-affermazzjoni hija valida għal setturi ekonomiċi, reġjuni u ekonomiji sħaħ.

Il-prattiki tajbin deskritti hawn taħt għalhekk ġew maqsuma skont meta għandhom jittieħdu l-miżuri: azzjonijiet u strumenti antiċipattivi, li għandhom jiġu żviluppati fuq bażi permanenti u l-ġestjoni tal-proċessi speċifiċi ta' ristrutturar.

Il-valutazzjoni u l-monitoraġġ sussegwenti tal-proċessi ta' ristrutturar mill-atturi kollha kkonċernati huma importanti ħafna. Dawn jippermettu l-identifikazzjoni ta' dgħujfijiet u nuqqasijiet, biex b'hekk jiġi permess it-titjib sussegwenti tal-proċessi ta' ristrutturar fil-futur. Is-segwitu tal-impjegati wara li jingħataw is-sensja (valutazzjoni fit-tul tal-karrieri tal-impjegati li ngħataw is-sensja, bażi ta' dejta għal studji dwar serje ta' intervalli ta' żmien dwar karrieri li ġew immaniġġjati, eċċ.) jikkontribwixxi wkoll biex ir-riżultati miksuba jiġu vvalutati f'termini ta' tranżizzjoni ta' impjegi b'suċċess.

Il-valutazzjoni u l-monitoraġġ ikopru l-valutazzjoni tal-miżuri ta' ristrutturar u l-ippubblikar tar-riżultati, ir-reviżjoni tal-istrateġija tal-iżvilupp fid-dawl tal-esperjenza ta' ristrutturar u l-impatt, eċċ.).

## Kwistjoni fuq bosta livelli, b'bosta atturi

L-antiċipazzjoni tal-kapital uman meħtieġ u l-ġestjoni tar-ristrutturar jirrigwardaw għadd kbir ta' atturi (kumpaniji, rappreżentanti tal-ħaddiema, imsieħba soċjali, servizzi pubbliċi tal-impjegi, amministrazzjoni pubblika u awtoritajiet, eċċ) f'livelli differenti (Ewropej, nazzjonali, reġjonali, settorjali u organizzazzjonali).

Il-koerenza u s-sinerġiji bejn l-azzjonijiet tal-partijiet interessati differenti kollha, kif ukoll l-ippjanar ikkoordinat sew u l-azzjonijiet għall-antiċipazzjoni u r-ristrutturar huma kruċjali biex jiżguraw effiċjenza u soluzzjonijiet sostenibbli. Biex ikun aktar faċli biex jinftiehem, il-QFR ġie organizzat bħala sett ta' skedi ta' Prattiki tajbin indirizzati lill-atturi prinċipali kollha involuti: kumpaniji, rappreżentanti tal-impjegati, l-impjegati nnifishom, l-imsieħba soċjali u l-

awtoritajiet nazzjonali/reġjonali<sup>20</sup>. Ġabra aktar komprensiva tal-prattiki tajbin f'dan il-qasam tista' tinstab fuq il-Lista ta' Kontroll għal Proċessi ta' Ristrutturar tal-2009<sup>21</sup>.

Il-prattiki tajbin kollha deskritti fl-iskedi jikkostitwixxu esperjenzi reali tal-kumpaniji, tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-partijiet interessati oħra, u jitqiesu minn dawk li jimplimentawhom bħala kruċjali biex jiġi żgurat l-adattament malajr, mingħajr xkiel, ekonomikament effiċjenti u soċjalment aċċettabbli għall-bidla u r-ristrutturar, b'mod partikolari f'ċirkostanzi negattivi. Irrispettivament mit-trasferibbiltà tagħhom għal kuntesti oħra - li għandhom jiġu apprezzati fuq bażi ta' każ b'każ l-importanza mogħtija lilhom mill-atturi li jipprattikawhom tiġġustifika l-inklużjoni tagħhom fil-QFR bħala sors ta' ispirazzjoni għall-oħrajn kollha.

Ħafna drabi dawk il-prattiki tajbin kienu xprunati, jew ispirati, minn regolamenti u mekkaniżmi oħra ta' appoġġ pubbliku. Il-bażi ta' dejta tal-ERM tal-Eurofound dwar leġiżlazzjoni relatata mar-ristrutturar<sup>22</sup> tipprovdi informazzjoni komparattiva dwar ir-regolamenti nazzjonali. Il-bażi ta' dejta tal-ERM dwar strumenti ta' appoġġ għar-ristrutturar<sup>23</sup> tipprovdi informazzjoni dwar madwar 400 miżura fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u n-Norveġja. Il-gvernijiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u t-trejdjunjins huma fost il-korpi li jipprovdu appoġġ lill-kumpaniji li jeħtieġu jirristrutturaw u lill-impjegati affettwati.

L-azzjonijiet u l-istrumenti stabbiliti f'dan il-QFR jistgħu jikkwalifikaw għall-appoġġ mill-Fondi Strutturali tal-UE (speċjalment l-FSE u l-FEŻR), kif ukoll il-FEG.

---

<sup>20</sup> Peress li ħafna drabi l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tajba tar-ristrutturar jinvolvu bosta atturi u livelli, ħafna azzjonijiet huma deskritti b'mod simili fi skedi differenti, li juru l-irwol speċifiku assenjat lil kull wieħed minnhom.

<sup>21</sup> <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=782&langId=en>. Ara wkoll l-Anness 1.

<sup>22</sup> <http://www.eurofound.europa.eu/emcc/erm/rll/>

<sup>23</sup> <http://www.eurofound.europa.eu/emcc/erm/supportinstruments/>. Ara wkoll "Strumenti pubbliċi biex jappoġġjaw ir-ristrutturar fl-Ewropa - Rapport tal-ERM tal-2011", <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1165.htm>

## MIN IĦADDEM

*Sabiex iżommu l-kompetittività tagħhom u jnaqqsu l-ispejjeż tar-ristrutturar, il-kumpaniji jantiċipaw il-kapital uman meħtieġ u jiġġestixxu l-bidla. L-SMEs jistgħu ma jkunux kapaċi jimplementaw il-prattiki tajbin kollha li ġejjin.*

### **L-ANTIĊIPAZZJONI TAL-BIDLA**

L-ippjanar strateġiku minn min iħaddem ikopri, bl-involvement kontinwu tar-rappreżentanti tal-impjegati skont in-negozjar kollettiv u l-istrumenti ta' informazzjoni u konsultazzjoni, ippjanar 'il quddiem għall-impjegi u l-ħiliet, fosthom:

- o **Monitoraġġ strateġiku fit-tul** tas-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-kumpanija u tal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq;
- o **Immappjar** kontinwu **tal-impjegi u l-ħiliet meħtieġa**;
- o **Miżuri mmirati lejn impjegati individwali**: miżuri ta' flessibilità (flessibilità fit-tul tal-ħin tax-xogħol, rotazzjoni tax-xogħol, eċċ); miżuri ta' taħriġ (introduzzjoni ta' konsulenti tat-taħriġ, disinn tar-'reviżjonijiet tal-kompetenza' individwali'; pjanijiet individwali ta' taħriġ, fosthom billi l-impjegati jiġu mgħammra b'ħiliet transversali, eċċ); miżuri għall-iżvilupp tal-karriera ('jiem iddedikati għall-karrieri', 'ir-rokna tal-karrieri', miżuri ta' rotazzjoni tax-xogħol, eċċ.); miżuri li jipromwovu mobilità interna u esterna, eċċ.;
- o **Sħubiji esterni** ma' reġjuni, istituzzjonijiet edukattivi/tat-taħriġ u mal-ambjent tan-negozju.

### **IL-ĠESTJONI TAL-PROĊESSI TA' RISTRUTTURAR**

Prattiki tajbin fil-ġestjoni ta' operazzjonijiet ta' ristrutturar jinkludu:

- o **Il-bini ta' konsensus intern** permezz ta' dijanjosi konġunta bbażata fuq raġuni kummerċjali ċara għall-bidla u b'informazzjoni komprensiva u konsultazzjoni tal-impjegati fi stadju bikri;
- o **Għajnuna fl-organizzazzjoni ta' appoġġ personalizzati lill-impjegati** li s-sensja tagħhom ma tistax tiġi evitata;
- o **L-involvement ta' atturi esterni** fi stadju bikri (awtoritajiet reġjonali, universitajiet, ċentri ta' taħriġ u katina tal-provvista).

## RAPPREŻENTANTI TAL-IMPJEGATI

*Ir-rappreżentanti tal-impjegati, fosthom permezz tal-EWCs, huma msieħba vitali tal-ġestjoni ta' kumpanija fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-iżvilupp tal-impjegi u l-ħiliet meħtieġa u fit-twettiq tal-operazzjonijiet partikolari ta' ristrutturar.*

### **L-ANTIĊIPAZZJONI TAL-BIDLA**

- o **Immappjar** kontinwu **tal-impjegi u l-ħiliet meħtieġa tal-kumpaniji**;
- o **Miżuri mmirati lejn impjegati individwali, fosthom il-promozzjoni ta' mobilità interna u esterna.**

### **IL-ĠESTJONI TAL-PROĊESSI TA' RISTRUTTURAR**

- o L-istabbiliment ta' **dijanjosi konġunta** mal-maniġment;
- o Ftehim dwar **proċeduri speċifiċi għall-kumpanija** biex jittrattaw sitwazzjonijiet partikolari ta' ristrutturar;
- o L-insewiment u l-kontribuzzjoni, b'mod partikolari permezz ta' negozjati, għad-**disinn u l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi kollha li jipprovdu appoġġ lil impjegati individwali**;
- o **L-insewiment u l-għoti ta' għajnuna lill-impjegati li qegħdin jingħataw is-sensja** biex ifittxu impjeg ġdid u/jew opportunitajiet xierqa ta' taħriġ mill-ġdid;



- o Parteċipazzjoni fi **sħubiji esterni, networks usa'** u mekkaniżmi biex jingħata appoġġ lill-ħaddiema individwali u tiġi nkoraggjita l-inklużjoni tal-katina tal-provvista kollha bi tħejjija għal operazzjonijiet ta' ristrutturar u għall-ġestjoni tagħhom.

## IMPJEGATI INDIVIDWALI

*Mill-perspettiva tal-impjegat individwali, l-antiċipazzjoni tiddependi fuq il-kapaċità tiegħu li jagħżel li jkun f'pożizzjoni biex itejjeb l-impjegabilità tiegħu u biex jagħmel tranżizzjonijiet fil-karriera. Fir-rigward tal-impjegabilità, l-atturi oħrajn (min iħaddem, rappreżentanti tal-impjegati, imsieħba soċjali, awtoritajiet) għandhom rwol kruċjali x'jiżvolġu biex jappoġġjaw, jimmotivaw u jendorsjaw impjegati individwali.*

### **L-ANTIĊIPAZZJONI TAL-BIDLA**

Sakemm ikun hemm l-istrumenti u l-opportunitajiet disponibbli, l-impjegati:

- o Itejbu l-kapaċità tagħhom li **jiġbru l-informazzjoni** meħtieġa biex jifhmu s-sitwazzjoni;
- o **Jirrevedu l-ħiliet tagħhom** u jaġġornaw l-orjentazzjonijiet tal-karriera tagħhom;
- o Isaħħu **l-impjegabilità u l-mobilità** tagħhom u jagħmlu tranżizzjonijiet professjonali li jkunu fattibbli;
- o Jeżerċitaw id-dritt tagħhom **għall-edukazzjoni u t-taħriġ** u jaċċettaw l-obbligi korrispondenti.

### **IL-ĠESTJONI TAL-PROĊESSI TA' RISTRUTTURAR**

- o **Fittex informazzjoni** dwar l-istrateġija tal-kumpanija, il-pjanijiet ta' ristrutturar u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol; żomm kuntatt mar-rappreżentanti u pparteċipa fi proċeduri ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni;
- o **Esplora l-azzjonijiet possibbli biex tevita s-sensja**: żviluppa pjan ta' azzjoni individwali għat-tfittxija tax-xogħol; kun lest/a li taċċetta mobilità fi/bejn il-kumpaniji; staqsi għal kowċing, taħriġ għall-applikazzjonijiet għax-xogħol, konsulenza dwar il-karrieri u taħriġ speċifiku b'konformità mal-offerti tax-xogħol;
- o Agħmel użu mill-**appoġġ individwali** disponibbli għall-impjegati: żomm f'kuntatt ma' unitajiet ta' riallokazzjoni; irreġistra f'uffiċċju tal-iskambju tal-impjiegi; itlob l-għajnuna mingħand min iħaddem fil-perjodu ta' qabel is-sensja; staqsi għat-taħriġ meta tkun qiegħed/qiegħda; agħmel użu minn appoġġ intraprenditorjali meta jkun disponibbli.

## IMSIHBA SOĊJALI U ORGANIZZAZZJONIJET SETTORJALI

*L-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet settorjali jistgħu jilagħbu rwol ewlieni fl-antiċipazzjoni tal-bidla, jidentifikaw l-impjiegi u l-ħiliet meħtieġa u jimmaniġġjaw l-operazzjonijiet ta' ristrutturar billi jsawru jew jissupplimentaw l-azzjonijiet fuq livell ta' kumpanija, nazzjonali u reġjonali, permezz ta' djalogo soċjali u negozjar kollettiv.*

### **L-ANTIĊIPAZZJONI TAL-BIDLA**

- o **L-immappjar tal-impjiegi u l-ħiliet meħtieġa**: ipparteċipa f'sistemi ta' twissija bikrija fil-livelli kollha;
- o **It-tfassil ta' oqfsa għall-involvement tal-ħaddiema**: ippromwovi negozjar kollettiv dwar l-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar fuq livell Ewropew, nazzjonali, settorjali, reġjonali, lokali u tal-kumpanija;
- o **It-tħejjija ta' miżuri mmirati lejn il-ħaddiema individwali**: appoġġja r-riallokazzjoni, waqqaf jew ikkontribwixxi għal programmi ta' żvilupp ta' ħiliet fuq livell nazzjonali, reġjonali u tal-kumpanija;

- o **L-iżvilupp ta' miżuri li jippromwovu mobbiltà interna u esterna:** iffaċilita t-tranżizzjonijiet professjonali ġewwa u barra l-intrapriża, ippromwovi miżuri innovattivi biex ittejjeb il-mobilità.

## **IL-ĠESTJONI TAL-PROĊESSI TA' RISTRUTTURAR**

- o **Dijanjsi konġunta:** aqşam il-fehim tal-kuntest ekonomiku mal-membri, l-affiljati u l-partijiet interessati kollha, ippromwovi komunikazzjoni, networking u governanza bejn għadd ta' partijiet interessati;
- o **Esplora u nnegozja l-possibiltajiet kollha biex tevita s-sensji:** rawwem koordinazzjoni tat-trejdunjin madwar l-UE biex tgħin l-EWCs; inkoraġġixxi negozjati fil-livell Ewropew fil-każ ta' ristrutturar transnazzjonali; mexxi negozjati dwar politiki ta' tranżizzjoni professjonali;
- o **Appoġġja lill-ħaddiema mogħtija s-sensja b'mod individwali:** appoġġja ċelloli ta' mobilità interna u esterna, żviluppa fondi għal taħriġ settorjali għal riallokazzjoni.

## **AWTORITAJIET NAZZJONALI U REĠJONALI**

*L-awtoritajiet nazzjonali ifasslu l-leġiżlazzjoni applikabbli, jiddefinixxu u jimplementaw il-miri politiċi tax-xogħol, imexxu l-istrumenti ta' tbassir, għandhom il-kapaċità istituzzjonali biex jgħinu lill-impjegati. L-awtoritajiet reġjonali jikkoordinaw il-ħidma tal-partijiet interessati fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' ristrutturar u fil-promozzjoni tal-iżvilupp reġjonali u r-rikonverżjoni ekonomika u soċjali.*

### **L-ANTIĊIPAZZJONI TAL-BIDLA**

- o **Immappjar kontinwu tal-impjiegi u l-ħiliet meħtieġa:** appoġġja l-pjanijiet nazzjonali għall-impjiegi u l-ħiliet, żviluppa għodod ta' previżjoni ta' tbassir; miżuri li permezz tagħhom il-ħiliet imrawma mis-sistemi edukattivi u tat-taħriġ ikunu jaqblu aktar mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;
- o **Miżuri mmirati lejn impjegati individwali:** saħħaħ politiki attivi tas-suq tax-xogħol, offri pjanijiet għal kwalifikazzjoni, appoġġja l-iżvilupp ta' kompetenzi billi tiffoka fuq ħiliet ġeneriċi u transversali, iffoka fuq it-titjib tal-ħiliet ta' adulti b'ħiliet baxxi, offri servizzi ta' konsulenza dwar il-karriera, offri għajnuna bil-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali; ippromwovi politiki reġjonali ta' tagħlim tul il-ħajja;
- o **Miżuri li jippromwovu mobbiltà interna u esterna:** żviluppa inċentivi biex tippromwovi mobbiltà ġeografika u okkupazzjonali, fassal oqfsa legali u operazzjonali għal tranżizzjonijiet professjonali, stabbilixxi ċ-ċertifikazzjoni ta' ħiliet u sistemi ta' trasferibbiltà, skemi ta' appoġġ għall-kwalifikazzjoni; stabbilixxi bażijiet ta' dejta dwar il-ħtiġijiet ta' min iħaddem, qabel il-ħaddiema mal-postijiet battala u l-ħiliet meħtieġa;
- o **Miżuri li jippromwovu adattament ekonomiku reġjonali:** ippromwovi kooperazzjoni bejn l-atturi reġjonali, appoġġja l-ippjanar tal-impjiegi u l-ħiliet u l-mutwalizzazzjoni tar-riskji, oħloq jew saħħaħ osservatorji reġjonali biex jimmonitorjaw it-tibdil ekonomiku, l-impjiegi u l-ħiliet, stabbilixxi sistemi ta' twissija bikrija, stabbilixxi relazzjonijiet regolari tax-xogħol ma' kumpaniji, fosthom intrapriżi soċjali u aġenziji ta' żvilupp; żviluppa patti territorjali dwar ix-xogħol, sħubiji pubbliċi-privati u strutturi istituzzjonali għall-kompetenzi u l-ħiliet;
- o **Filwaqt li tikkonforma mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat, agħmel użu sħiħ mill-Fondi Strutturali tal-UE** abbażi tal-prinċipji ta' "speċjalizzazzjoni intelliġenti" fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, billi tiffoka fuq investimenti li jiffaċilitaw u jakkumpanjaw il-bidla strutturali u li jrawmu innovazzjoni soċjali biex tiżviluppa tranżizzjonijiet soċjalment inklużivi u l-ħolqien tal-impjiegi.

### **IL-ĠESTJONI TAL-PROĊESSI TA' RISTRUTTURAR**

- o **Dijanjsi konġunta:** iġbor dejta dwar sensji fuq livell nazzjonali, reġjonali u settorjali, immonitorja l-impatt tar-ristrutturar fuq setturi u reġjuni speċifiċi; stabbilixxi sistemi ta' twissija bikrija, laqqa' l-atturi biex iwettqu dijanjsi konġunta;

- o **Esplora l-possibilitajiet kollha qabel ma timplimenta s-sensji:** ippromwovi r-rivitalizzazzjoni tar-reġjuni affettwati mir-ristrutturar, immonitorja l-pjanijiet soċjali; saħħa is-servizzi pubbliċi tal-impjegi, oħloq programmi ta' rikollokament, ippromwovi l-ħolqien dirett ta' impjegi, oħloq mekkaniżmi għall-mutwalizzazzjoni tar-riskji, appoġġja t-trasferiment ta' impjegati ta' intrapriżi fi kriżi li nxtraw jew li ma kellhomx werrieta; oħloq unitajiet mobbli ta' rikonverżjoni, ippromwovi r-reġjun fost investituri ġodda, appoġġja t-tfittxija għal utenti ġodda ta' faċilitajiet abbandunati;
- o **Appoġġja lill-ħaddiema li nġataw is-sensja b'mod individwali , inkluż permezz tas-Servizz Pubbliku tal-Impjegi (PES):** miżuri ta' taħriġ (siti għal gwida u taħriġ okkupazzjonali, ċelluli pubbliċi ta' rikonverżjoni, korsijiet ta' taħriġ); miżuri ta' mobilità (pjattaformi ta' spostament għall-SMEs u l-intrapriżi soċjali, appoġġ lill-kooperattivi tal-impjegati, pjanijiet ta' mobilità ġeografika, appoġġ għall-ġabriet ta' impjegi mill-gruppi ta' min iħaddem, agħti indennizz u allowances tat-tluq); benefiċċji tal-qgħad lill-ħaddiema vulnerabbli;
- o **Iffaċilita sħubiji** bejn l-atturi rilevanti, involvi s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjegi (PES) fl-implimentazzjoni ta' pjattaformi lokali għall-ħaddiema li nġataw is-sensja, ikkoordina l-użu tal-Fondi Strutturali u l-FEG b'konformità mar-regoli dwar l-ġajjnuna mill-istat, uża task forces reġjonali bħala mezz biex timmobilizza l-atturi u r-riżorsi kollha, organizza t-tranżizzjonijiet tal-impjegi; stabbilixxi servizzi ta' rispons rapidu, oħloq sistemi ta' appoġġ għall-SMEs u pjattaformi b'għadd ta' partijiet interessati (kuntratti ta' tranżizzjoni professjonali), ippromwovi l-bidu ta' negozji u kumpaniji ġodda permezz ta' politiki effettivi biex jiġi stimulat it-tkabbir reġjonali u l-ħolqien tal-impjegi u l-intraprenditorija.

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni se:

- o twettaq monitoraġġ tal-mod kif il-QFR hu applikat fl-UE kollha;
- o **tibgħat ir-rapporti ta' monitoraġġ lill-Parlament Ewropew u lill-imsieħba soċjali u xxerridhom b'mod mifruq;**
- o tqis **ir-reviżjoni tal-QFR sal-2016** jekk ikun meħtieġ. This revision will establish whether further action is necessary, including a legislative proposal;
- o tappoġġja l-**ħidma ta' programmar tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment** (il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd), il-Fondi li joperaw skont Qafas Strateġiku Komuni, kif ukoll il-**Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni**, inkluż permezz ta' taġħlim bejn il-pari, attivitajiet ta' netwerking u ġajjnuna teknika;
- o tqis **il-konsolidazzjoni possibbli tat-tliet Direttivi dwar l-involviment tal-impjegi;** f'dan ir-rigward tista' sseħħ l-ewwel fażi ta' konsultazzjoni tal-imsieħba soċjali matul l-ewwel nofs tal-2014.

Tabella 1: Sommarju tal-atturi u l-prattiki tajbin

	<b>L-ANTIĊIPAZZJONI TAL-BIDLA</b>	<b>IL-ĠESTJONI TAL-RISTRUTTURAZZJONI</b>
<b>KUMPAJJI, RAPPREŻENTANTI TAL-IMPJEGATI IMSIEĦBA SOĊJALI U ORGANIZZAZZJONIJ IET SETTORJALI</b>	<p>Monitoraġġ strateġiku tal-ambjent ekonomiku, tan-negozju u tas-suq</p> <p>Immappjar tal-impjiegi u l-ħiliet meħtieġa</p> <p>Pjan multiannwali għall-impjiegi u l-ħiliet</p> <p>Miżuri ta' flessibilità, ta' taħriġ u tal-żvilupp tal-karriera mmirati lejn ħaddiema individwali</p> <p>Promozzjoni ta' mobbiltà interna u esterna</p> <p>Informazzjoni, konsultazzjoni u negozjar kollettiv dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq</p>	<p>Irawmu l-konsensus intern permezz ta' negozjar</p> <p>Jesploraw il-possibilitajiet kollha pjanifikati</p> <p>is-sensja</p> <p>Jorganizzaw appoġġ individwali u korporattiv</p> <p>ngħataw is-sensja</p> <p>Informazzjoni, konsultazzjoni u negozjar</p> <p>kwistjonijiet imsemmija hawn fuq</p> <p>Jinvolvu l-atturi esterni</p>
<b>IMPJEGATI INDIVIDWALI</b>	<p>Itejbu l-kapaċità tagħhom li jiġbru l-informazzjoni meħtieġa biex jifhmu s-sitwazzjoni;</p> <p>Jirrevedu l-ħiliet tagħhom u jaġġornaw l-orjentazzjonijiet tal-karriera tagħhom;</p> <p>Isaħħu l-impjegabilità u l-mobilità tagħhom u jagħmlu tranżizzjonijiet professjonali fattibbli;</p> <p>Jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-edukazzjoni u t-taħriġ u jaċċettaw l-obbligi korrispondenti</p>	<p>Ifittxu informazzjoni dwar l-istrateġiji</p> <p>Jesploraw azzjonijiet possibbli biex jtejjru</p> <p>Jużaw appoġġ individwali u korporattiv</p>
<b>AWTORITAJIET NAZZJONALI U REĠJONALI</b>	<p>Jiżviluppaw għodod ta' previżjoni u tbassir li jkopru l-impjiegi u l-ħiliet u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol</p> <p>Issaħħu l-PASX, jippromwovu pjanijiet għal kwalifikazzjoni u servizzi ta' konsulenza, jagħtu appoġġ finanzjarju</p> <p>Jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-atturi u l-mutwalizzazzjoni tar-riskji</p> <p>Jiżviluppaw oqfsa li jiffavorixxu tranżizzjonijiet professjonali</p> <p>Monitoraġġ strateġiku tal-ambjent ekonomiku, tan-negozju u tas-suq</p> <p>Immappjar tal-impjiegi u l-ħiliet meħtieġa</p> <p>Pjan multiannwali għall-impjiegi u l-ħiliet</p> <p>Miżuri ta' flessibilità, ta' taħriġ u tal-żvilupp tal-karriera mmirati lejn ħaddiema individwali</p> <p>Jippromwovu mobbiltà interna u esterna</p> <p>Patti territorjali dwar ix-xogħol u sħubiji pubbliċi-privati</p>	<p>Jiġbru dejta dwar is-sensja, jimmonitawha</p> <p>Isaħħu s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi</p> <p>spostament, jippromwovu l-ħolqien ta' postijiet</p> <p>Jappoġġjaw pjattaformi ta' mobilità</p> <p>allowances, u gruppi finanzjarjami</p> <p>Jippromwovu sħubiji u jikkoordinawha</p> <p>Sistemi ta' twissija bikrija, isejju l-impjiegi</p> <p>konġunta</p> <p>Unitajiet mobbli ta' rikonverżjoni, jappoġġjaw</p> <p>ħolqien tax-xogħol</p> <p>Jappoġġjaw miżuri ta' taħriġ u ta' tnebbija</p>